# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 26 ta' Gunju 2018**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 533/2018/LSO**

**P&J.C. Co. Ltd (C5153)**

**vs**

**Christopher Caruana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' P&J.C Co. Ltd. datat 25 ta' Mejju 2018, fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu Pio Camilleri kkonferma:

Illi s-socjeta' rikorrenti hija sid ta' tliet garaxxijiet internament immarkati bin-numri 2, 6 u 7 formanti parti minn kumpless bl-isem *"Tal-Millieri Complex" fi* Triq il-Millieri, Ghaxaq, liema kumpless inbena fuq art illi s-socjeta' rikorrenti akkwistat fit-28 ta' April 1981 (Dok PC2), senjatament fuq *plots* 3, 4, 5 u 6.

Illi s-socjeta' rikorrenti kienet ikkoncediet il-garaxxijiet imsemmija lill-intimat b'mera tolleranza.

Illi minkejja illi l-intimat gie interpellat sabiex jivvaka l-garaxxijiet imsemmija u jirritorna l-istess lis-socjeta' rikorrenti bil-pussess battal, huwa baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-intimat qieghed jiddetjeni l-garaxxijiet imsemmija minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u fl-opinjoni tas-socjeta' rikorrenti l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1 Taqta' u tiddecidi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 u cioe` bid-dispensa tas-smigh;

2. Tiddikjara illi l-intimat qieghed jokkupa l-garaxxijiet internament immarkati bin-numri 2, 6 u 7 formanti parti minn kumpless bl-isem *"Tal-Millieri Complex"* fi Triq il-Millieri, Ghaxaq minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u konsegwentement tordnah sabiex jivvaka l-imsemmija

garaxxijiet fiz-zmien qasir u perenterju illi ghandu jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qort. Kollox skont kif gie dikjarat aktar 'l fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2018 kontra l-intimat li minn issa jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta’ Gunju 2018 fid-9:30am, b’ ordni lill-intimat biex jidher f’ dik il-gurnata u jwiegeb ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 26 ta’ Gunju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Stefan Camilleri ghas-socjeta` rikorrent rapprezentata fl-Awla minn Pio Camilleri.
Dr Camilleri ta ruhu b'notifikat ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti bl-Avviz tas-smigh tal-kawza.

L-intimat imsejjah tliet darbiet ma deherx.

Il-kawza giet posposta.

Meta regghet issejhet il-kawza dehru wkoll Dr Lisa Marie Cassar u Dr Stefano Filletti ghall-konvenut Christopher Caruana prezenti.

Il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet u hadet konjizzjoni tan-nota pprezentata fil-25 ta' Gunju 2018 li ghadha izda mhux in atti.

**INGHATAT SENTENZA:**

Il-Qorti fic-cirkostanzi wara li rat l-Art 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija tal-fehma li l-intimat ma ssollevax pretensjonijiet gustifikabbli anke fuq bazi 'prima facie' ghat-talbiet attrici;

Ghaldaqstant *in visto* tal-premess tilqa' t-talbiet *stante* li huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u ghall-fini tat-tieni talba tordna lill-konvenut jivvaka l-imsemmija garaxxijiet fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum.

Bl-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Gunju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Gunju 2018**